MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 953/2011

**Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Ltd**
**Vs**
**Carmen Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici tghid illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas s-somma ta' elf u sebgha u disghin ewro u erbgha centezmi (€1,097.04) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' madum u kamra tal-banju u materjal iehor mibjugh u kkonsenjat lil istess konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata  ta' Ottubru, 2010 taht l-Artiklu 166A tal-Kap 12 u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija itra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

B'risposa tal-konvenuta pprezentata fl-1 ta' Dicembru, 2011 l-konvenuta eccepiet illi fl-ewwel lok l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici mill-eccipjenti billi l-oggetti li gew effettivament ikkonsenjati mis-socjeta' attrici ma humiex tal-kwalita pattwita;

Fit-tieni lok u bla hsara ghall-premess, it-talba attrici hija intempestiva, billi l-konvenuta tkun obbligata biss li thallas il-prezz ta’ l-oggetti de qua meta ssir il-konsenja taghhom skond il-kwalita pattwita u skond il-ligi;

Fit-tielet lok, u minghajr hsara ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha tindika x’jirraprezenta precizament l-ammont minnha reklamat;

Fir-raba lok, u minghajr hsara ghall-premess, peress illi uhud mill-oggetti mibjugha mis-socjeta' attrici ma inghatawx skond il-kwalita pattwita, hemm lok illi l-prezz ta’ dawk l-oggetti jigi mnaqqas, okkorendo skond l-istima tal-periti, kif irid l-Artiklu 1390 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici, inkluz dawk inkorsi mill-konvenuta b’rabta ma’ l-ittra ufficjali mressqa mis-socjeta attrici a tenur ta’ l-Artiklu 166A tal-Kap 12.

Xehdet il-konvenuta Carmen Farrugia li spjegat illi fil-25 ta’ Jannar, 2010 marret fix-*showroom* tas-socjeta' attrici u ordnat kamra tal-banju. Meta hallset id-depozitu infurmawha illi l-kamra tal-banju fadlilha madwa tlett xhur u dan peress illi l-kamra tal-banju giet ordnata minn katalgu. Wara li ghaddew erbgha xhur bdiet gejja d-*delivery* pero ma wasalx kollox. Filfatt il-kamra ma waslitx kollha flimkien imma kienu jigu oggett jew zewg oggetti flimkien. Anki l-banju malli rajtu kien stil differenti minn dak li ordnajt. Huma qaluli li biex jinbidel kienet ser tkun ordni gdida u kien ser ikolli nistenna tlett xhur ohra. Dak iz-zmien kien ser ikolli lit-tifla tieghi u ma stajtx nistenna. Wara kelli nbiddel il-*layout* tal-kamra tal-banju biex jakkomoda l-istil tal-banju li gabuli. Ghal dan jien dhalt fi spiza ta’ *alterations*.

Meta waslet il-faccata tal-banju u cioe l-*panel* din kienet bid-*damage*. Din kienet ikkrekjata u tidher uzata. Wara li kont ilmentajt fuq din il-*panel* kienu qaluli li din giet bi zball u kienu ser jordnaw ohra. Wara dan gejt infurmata illi l-*panel* mhux gejja peress illi ma kienx ghadu jsir dak l-istil ta’ *panel*. Filfatt waslet panel ohra li kienet totalment *plain* u mhux bhal dik li ordnajt li kellha disinn.

Ix-xhud qalet ukoll illi kien hemm difett anki fit-toqob minn fejn tohrog ix-*shower* peress illi din ma tlahaqx. Kien hemm difett ukoll fil-*lever* li jaqleb mill-vit ghax-*shower*. Wara dan saret laqgha fuq il-post fejn kien hemm prezenti

l-partijiet assistiti mill-avukati. F'din il-laqgha gie deciz illi dawn l-affarijiet jinbidlu pero b'pika s-socjeta' attrici ma tridx illi twahhal dawn l-affarijiet. F'dan il-*meeting* issemma wkoll *discount*.

Xehed Mark Sammut li jigi r-ragel tal-konvenuta Carmen Farrugia. Huwa qal illi l-kamra waslet wara Marzu pero l-affarijiet waslu hziena. Jiftakar illi l-banju gie ordnat fuq naha u meta wasal kien fuq naha ohra. Minhabba f'hekk kellna nbidlu s-*set* kollu tal-kamra. Semma wkoll illi l-post tat-toqob tal-banju kien hazin. Meta gibed l-attenzjoni tas-socjeta' attrici Johan Camilleri qallu li t-toqob saru hekk minhabba l-kobor tal-*mixer* illi ghazlu. Lanqas ix-*shower* ma kien ilahhaq peress illi t-toqob kienu fil-post il-hazin. Dan ix-xhud jiftakar lil Johann jghidlu biex jiehu pacenzja u jzommu l-banju ghaliex ma kienx ser isib ibieghu. Semma wkoll illi l-*panel* tal-banju kien imxaqqaq.

Wara li saret il-laqgha kien gie miftiehem illi s-socjeta' attrici tibdel dawn l-affarijiet li setghu jigu mibdula u twahhalhom hi izda kienu qabdu marru fuq il-post u x-xhud jghid illi peress illi kienux ghamlu appuntament u hu ma kienx id-dar ma hallihomx iwahluhom. Hu ried ikun prezenti meta jitwahhlu l-affarijiet. Wara din id-darba telqu u nfethet il-kawza. Dan ix-xhud jghid illi giet ipprezentata pjanta ta' kif ser tigi l-kamra a fol 24 tal-process imma din il-pjanta mhix il-pjanta li ffirmat il-konvenuta u li filfatt kienu ordnaw.

Fuq kontroezami dan ix-xhud jghid illi mhux veru illi s-socjeta' attrici baghat *panel* gdid tal-banju u lanqas jaqbel illi l-hgiega tax-*shower* inbidlet ghaliex baqghet l-istess. Ix-xhud ikompli jsostni illi l-*panel* mhux ikkonsenjat.

Xehed Johan Camilleri li huwa d-Direttur tas-socjeta' attrici li qal illi l-ordni ma saritx kollha f'salt.  Dan ix-xhud spjega kif l-ewwel tmur il-klijenta fix-*showroom* sabiex tordna l-affarijiet. Imbaghad tordnahom, tiffirma ghalihom u thallas depozitu. Dewmien ta' tlett xhur huwa dewmien normali ghal kamra tal-banju biex tigi minn barra. Rigward il-*panel* jghid illi wara li saret id-*delivery* sabu krekjatura u ma accettawhiex. Jghid illi hallewlhom il-*panel* l-ikkrekjat, tawhom *credit note* u tawhom ukoll il-*panel* il-gdid. Pero baqghu gejjin bi problema wara ohra biex ma jhallsux. Wara dan kien sar *meeting* fid-dar tal-konvenuta u gew

diskussi l-affarijiet u jien nghid illi f'dak il-*meeting* gew solvuti l-affarijiet.

Dan ix-xhud qal illi l-banju gie kkonsenjat kif filfatt ordnatu l-klijenta tant hu hekk illi t-*tile layer* illi biddel is-*set up* tal-kamra ma giex imhallas mis-socjeta' attrici. Semma wkoll dik id-darba li marru bl-affarijiet sabiex jinstallawhom u wara li damu jistennew wara l-bieb biex jifthulhom harget il-konvenuta u r-ragel taghha u qalulhom li kienu maghglin.

Xehdet Ruth Grech illi qalet illi kienet tahdem mal-konventa fid-dar taghha fir-Rabat. Qalet illi tgharaf il-firma taghha fuq id-dokument JC10 fejn jidher illi gie kkonsenjat il-*panel*. Pero din ix-xhud tghid illi ma tiftakarx x'kien gie ikkonsenjat peress illi mhux l-ewwel darba li ffirmat ghal Carmen Farrugia wara li tkun ikkomunikat maghha u tistaqsiha.

Xehed ukoll Mark Schembri li huwa *Sales Manager* mal-kumpanija attrici. Jghid illi kien prezenti waqt illi sar il-*meeting* fid-dar tal-konvenuta. Jaf illi kien sar ftehim dak inhar u l-affarijiet li kellhom jinbidlu gabuhomlha mentri l-affarijiet li setghu jigu rrangati rrangawhom. Kien prezenti wkoll meta marru bl-affarijiet u ma hallewhomx iwahhluhom.

Din hija kawza fejn il-partjiet qed jghidu affarijiet totalment opposti fejn is-socjeta' attrici qed tghid illi kkonsenjat l-affarijiet u bidlet dak li kellu jinbidel u ghalhekk ghandha tithallas mentri l-konvenuta tghid illi d-*delivery* ma saritx u l-affarijiet ma gewx kif kellhom jigu.

Wara li t-Tribunal sema x-xhieda u ra d-dokument kollha pprezentati huwa tal-fehma illi jemmen li l-kamra tal-banju ma twahhlitx kif kienet originarjament ippjanata pero la darba l-konvenuta accettat il-banju kif mibghut allura tkun iddecidiet illi taghlaq dik il-kwistjoni. Fir-rigward tal-konsenja tal-*panel* tal-banju ma hemmx qbil dwar il-konsenja pero t-Tribunal jemmen illi d-*delivery* saret anki wara li sema x-xhieda ta' Ruth Grech. Dwar l-affarijiet l-ohra jidher illi dawn gew solvuti.

Minkejja dan it-Tribunal ihoss il-konvenuta ma gietx moqdija kif kellha tigi moqdija u l-affarijiet baqghu mhux dawk illi xtaqet u dan wara hafna tertieq il-qalb min-naha tas-socjeta' attrici. Pero dan ma jfissirx illi l-konvenuta ma ghandhiex thallas il-bilanc kollu li fadal u ghalhekk *arbitrio*

*boni viri* jnaqqas is-somma mitluba ghal tmien mitt ewro (€800).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqa u jiddecidi li jikkundanna l-konvenuta thalllas lis-socjeta' attrici s-somma ta’ tmien mitt ewro (€800). Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Kulhadd ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------